MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru. 34/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Jason Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jason Abela ta’ 33 sena bin Alfred u Francis nee’ Lumilio, imwieled l-Awstralja fl-4 ta’ Jannar, 1971, li joqghod Flat 6 Graham Court, Graham Street, Sliema u detentur tal-karta ta’ l-identita’ nru 256300L

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-18 ta’ Mejju, 2004 u matul ix-xhur ta’ qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricettta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li fuqhom ma hemmx kontestazzjoni, huma s-segwenti:

1. Il-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Drogi kienet qed tissorvelja blokk ta' flats fejn l-imputat ghandu r-residenza tieghu. L-imputat hareg flimkien ma' tifla ta' xi tminn (8)[1] li kien qed izommha min idha.
2. Malli l-imputat induna bil-presenza tal-Pulizija, hu pprova jahrab, u beda jarmi kwantita ta' karti tal-flus mal-art, li gew migbura mill-Pulizija.
3. Il-Pulizija grew warajh u rnexxielhom jaqbduh. Huma ghamlu tfittxija fuq il-persuna tieghu u sabu pakkett tas-sigaretti li kellu sachet tal-plastic bi trab kannella u tlett qratas tal-karti bi trab kannella. In oltre, l-imputat kellu fuqu ammont ta' tliet mija u erbgha u tmenin lira Maltija (LM384), li gew elevati mill-Pulizija flimkien ma' mobile phone.
4. Wara saret tfittxija fir-residenza tal-imputat. Fil-kcina, il-Pulizija sabu qartas iehor tal-karti bi trab kannella, karti bojod "plain", tlett (3) mobile sets, u mizien digitali.
5. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda.
6. Fir-relazzjoni tieghu,[2] l-espert Spizjar Mario Mifsud ikkonkluda hekk:
   *"a) li ma kienx hemm mechanical fit bejn il-bicciet ta' karti li kien hemm fid-dokument 04 BIH 01/A u l-karti tal-qratas li kien hemm fid-dokumenti 04 BIH 01/B u 01 C. Dawn id-dokumenti kienu kollha fid-dokument 04 BIH 01;*

   *b) Li fit-trab il-kannella li kien hemm fl-erba' qratas u fil-borza tal-plastic fid-dokument 04 BIH 01, f'ammont nett totali ta' 1.180 grammi, instabet fihom is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

7. Fir-relazzjoni addizzjonali tieghu,[3] l-espert Spizjar Mario Mifsud ikkonkluda hekk:
   *"li fl-estratt mehud mis-swabbing li sar fuq il-mizien eletroniku, li kien hemm fid-dokument 08 AAA 01, instabu fih tracci tas-sustanza Herojina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[4] Huwa jghid li dak iz-zmien huwa kien jikkonsma bejn nofs gramma u gramma kwazi kuljum. Huwa jghid li ma kienx jikkonsma d-dar ghaliex kellu tifla zghira b'dizabilita u tfajla gdida u ma riedx jurihom li kien jabbuza mid-droga. Ghalhekk gieli kien jabbuza fil-garaxx t'ommu imma l'iktar barra. Id-droga kien johodha billi jittaqqab. Mistoqsi ghaliex

---

[1] Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li t-tifla kellha xi hames (5) jew sitt (6) snin.
[2] Ezebita bhala Dok 1 fil-*proces verbal*, li huwa ezebit bhala Dok MM a fol. 22 tal-process.
[3] Ezebita a fol. 28 tal-process.
[4] Ara xhieda tal-imputat a fol. 64 *et seq.* tal-process.

kellu erba' pakketti droga fuqu, l-imputat wiegeb hekk: *"Jiena kont naqsamha biex ikolli ghal kuljum biex meta mmur naqlaghha minn gol post fejn nahbieha, naqbad wiehed u nitlaq, fhimt."*

Ghalhekk il-kwistjoni li din il-Qorti trid tiddeciedi hi jekk id-droga li nstabet fuq l-imputat kienitx intiza ghal uzu tieghu personali kif qieghed jissottometti hu, jew li ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu, kif qed tissottometti l-Prosekuzzjoni.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] irriteniet illi: *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."* (enfasi ta' dik il-Qorti)

Inoltre, fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[6] osservat li kawzi li jikkoncernaw imputazzjonijiet ta' pussess aggravat: *"... ... mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista' skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" (26.8.1998). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati (Ara Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" (2.9.1999)."*

Din il-Qorti, wara li kkunsidrat il-fatti kollha tal-kaz hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-herojina li instabet fil-pussess tal-imputat ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

---

[5] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[6] Per Imhallef Joseph Galea Debono.

1. L-imputat inqabad hiereg mir-residenza tieghu b'pakkett tal-plastic u tlett qratas heroina. Mir-rapport tal-Espert Spizjar Mario Mifsud, jirrizulta li l-pizijiet ta' dawn il-pakketti kienu 0.069g, 0.197g, 0.415g u 0.359g. L-imputat xehed li hu kien ser jiehu t-tifla ghand ommu u *"u kont sejjer naghmilhom xi mkien ... ... Nahbiehom."* Meta mistoqsi, fejn kien sejjer jahbihom, l-imputat wiegeb sempliciment "*Tigne"*[7] minghajr ma ta dettalji ulterjuri. Frankament, kieku kien vera li l-imputat, ghar-ragunijiet li semma' hu, kien jahbi d-droga barra, fl-ewwel lok, kien jghid precizament fejn kien jahbiha u mhux isemmi post kbir minghajr dettalji, meta jigi sfurzat in kontro-ezami. Fit-tieni lok, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li wahda biss mill-boroz li kellu fuqu kienet tal-plastic, l-ohrajn kienu tal-karti (qratas) u ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ma hux verosimili li l-imputat kien jiehu r-riskju li jahbi d-droga tieghu fl-apert, ghax jekk taghmel ix-xita (u dan l-incident sehh f'Mejju), il-qratas – anke jekk ihallihom fil-pakkett tas-sigaretti li hu tal-kartun - kienu jixxarrbu u d-droga ta' go fihom setghet ma tkunx iktar tista' tigi ikkunsmata.

2. Il-Qorti tinnota wkoll li l-erba' qratas li kellu fuqu l-imputat kienu ta' pizijiet varji, u xi kultant hemm diskrepanza kbira bejn il-pizijiet. Issa mhux verosimili li persuna li hija *heavy drug addict,* kif pinga lilu nnifsu l-imputat, tiehu dozi differenti ta' droga, imma tiehu doza bejn wiehed u iehor l-istess. Dan iktar u iktar, meta irrizulta mill-provi li l-imputat kellu fil-pussess tieghu mizien digitali. Huwa notorju f'dan il-qasam li d-doza tipika ta' herojina li wiehed jiehu hija ta' 0.2g. Ovvjament, ma jistghax jigi eskluz li bniedem li ilu snin jabbuza minn din id-droga, jiehu doza ikbar, ghax gismu ikun sar jittolleraha. Pero, certament mhux verosimili li a *heavy drug addict* jiehu doza ferm zghira ta' 0.069g – li huwa l-piz ta' wiehed mill-qratas li nstab fil-pussess tal-imputat.

3. L-imputat jghid li hu kien jahbi d-droga barra, ghax ma kienx jikkunsmaha fir-residenza tieghu biex it-tifla tieghu u l-partner tieghu ma jindunawx. B'danakollu, huwa ma jispjegax ghalfejn huwa hareg b'erba' (4) qratas mieghu biex skont hu "jahbihom", pero ma iddejjaqx ihalli qartas b'piz ta' droga ta' 0.140g id-dar tieghu fil-kcina – post li huwa facilment accessibbli ghall-inqas ghall-partner tieghu. Ma hemm l-ebda raguni logika li l-Qorti tista' tahseb fiha, ghalfejn l-imputat iddecieda li dan il-qartas ma jahbiehx ukoll.

4. Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat jghid hekk *"Meta ahna nafu r-realtajiet ta' nies bhall-imputat li meta jixtru dawn it-tip ta' droga jridu jqassmuha specjalment id-droga eroina halli ma titfghekx id-dinja l-ohra meta tehodha."*[8] Il-Qorti taqbel perfettament ma' din is-sottomissjoni tal-abbli avukat difensur tal-imputat. Huwa ghalhekk li l-Qorti issibha difficli biex tifhem ghaliex waqt il-

[7] Ara xhieda tal-imputat a fol. 72 tal-process.
[8] Ara trattazzjoni tal-abbli difensur tal-imputat a fol. 80 tal-process.

kontro-ezami l-imputat gie mistoqsi il-mod kif huwa kien jaqsam id-droga, huwa kien vag u reticenti hafna li jwiegeb. Fil-fatt fuq il-mod kif jaqsam id-droga, saru s-segwenti mistoqsijiet u twegibiet tal-imputat:[9]

*"Pros: Imma biex taqsamha, kont taqsamha fuq ghajnejk? X'kont taghmel? Minhabba li kont ilek tiehu kif qed tghidilna. Kont tuza xi haga biex taqsamha?*

*Xhud: Gieli iva u gieli le*

*Pros: fir-residenza tieghek instab mizien elettroniku bi tracci tal-eroina fuqu.*

*Xhud: Ezatt*

*Pros: Kont tuza lilu biex taqsam id-droga?*

*Xhud: Ezatt. ... ...*

*Qorti: Kif kont taqsamha? Tuza sikkina? Il-Qorti ma tafx. Onestament m'ghandix idea*

*Xhud: jew b'kartuna jew b'xi haga*

*Pros: Kont tuza sikkina? Kont tuza mizien?*

*Xhud: Jista' jkun*

---

[9] Ara xhieda tal-imputat a fol. 70-71 tal-process.

*Qorti: X'kont tuza?*

*Xhud: Kont gibt mizien u gieli kont nuzah*

*Qorti: U biex taqta' x'kont tuza? Sikkina?*

*Xhud: Ma niftakarx. Gieli kartuna tas-sigaretti.*

*Avukat: Dan trab qed nitkellmu hux hekk. Kif kont taqsamha?*

*Xhud: Ha nghidlek, jekk ikollok borza fuqek il-bicca l-kbira ser tehodha kollha dik il-gurnata. Bl-addiction."*

Ovvjament, l-ahhar risposta l-imputat ipprova jahrab mid-domanda, ghax jekk il-borza tkun kbira trid taqsamha, ghax kif sewwa qal l-abbli difensur tal-imputat stess, min jabbuza mid-droga herojina irid joqghod attent kif jaqsamha, li ma tmurx titfghu d-dinja l-ohra. Il-mod vag u riluttanti kif l-imputat wiegeb ghal din id-domanda semplici, huwa indikattiv li l-imputat ma riedx juri dak li huwa logiku fic-cirkostanzi, u cioe li hu kien juza l-mizien elettroniku li kellu biex jaqsam id-droga. Pero dan imbaghad ma jispjegax ghaliex il-qratas li nstabu fil-pussess tieghu, kellhom pizijiet tant differenti minn xulxin, jekk kienu kollha ntizi ghall-uzu personali tieghu.

5. L-imputat ma jaghti l-ebda spjegazzjoni ghalfejn hareg bl-ammont ta' tliet mija u erbgha u tmenin lira Maltija (LM384) flus kontanti fuqu. Fix-xhieda tieghu huwa jghid li kien qed igemma biex isiefer lit-tifla tieghu ghal kura. Pero meta gie mistoqsi fejn kien se jiehu t-tifla wiegeb hekk: *"Kont hadtha Lourdes imma dak bhala mhux kura u Padre Pio meta kien hemm it-tabib Dr Neri gol-Italja stess u hadtha tghum mad-dolphins ghax jghidu li jghin lit-tfal."*[10] Pero mkien fix-xhieda tieghu ma jghid fejn kien se jsiefer it-tifla ghal kura. Bl-istess mod, l-imputat ma joffri l-ebda spjegazzjoni ghalfejn meta nduna bil-presenza tal-pulizija malli hareg mill-blokk tar-residenza tieghu, huwa beda

[10] Ara xhieda tal-imputat a fol. 66 tal-process.

jitfa' l-karti tal-flus mal-art. Dan certament mhux agir ta' min ikun qieghed igemma' flus sabiex jiehu lit-tifla tieghu barra minn Malta ghal kura.

6. Rigward xoghol, l-imputat jghid li kien jaghmel xi loghob taz-zwiemel il-Marsa u kien jahdem bhala night receptionist. Meta in kontro-ezami gie mistoqsi jekk kellux xi xoghol iehor, huwa wiegeb kategorikament *"Le ma kellix xoghol iehor".*[11] Meta imbaghad gie mistoqsi in kontro-ezami, ghalfejn lejliet li gie arrestat ircieva messagg fuq il-mobile minghand xi hadd jitolbu igiblu l-fwieha u jiccekkjalu l-prezz ta' xi fwieha ohra, u messagg minghand xi hadd iehor jitolbu *"the brown bottle"*, l-imputat wiegeb li gieli kien ibiegh xi flixkun fwieha, imma dak ma kienx xoghol, ghax ma kienx salesman tal-fwieha. L-imputat spjega li hu kien jirnexxielu jiddobba l-fwieha bi prezz tajjeb, u kien ibieghhom, kemm lin-nisa kemm lill-irgiel. Pero, l-Qorti ma tqisx din l-ispjegazzjoni tal-imputat bhala wahda attendibbli, ghax li kieku kien veru, l-imputat kien isemmi dan il-fatt meta gie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk kienx jaghmel xi xoghol iehor. Din il-Qorti hija moralment konvinta li r-riferenza ghal fwieha fil-messaggi fuq il-mobile hija fil-fatt code sabiex issir referenza ghad-droga, cioe klijenti li kienu qed isaqsu lill-imputat jekk setghax jaqdihom droga herojina. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Ernest Briffa**, deciza fis-26 ta' Jannar 2011, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[12] osservat hekk: *"Din il-Qorti ma tistax lanqas tittraskura uhud mill-messaggi li rcieva l-appellant fuq il-mobile tieghu dakinhar li gie arrestat. ... ... Mill-banda l-ohra huwa ben maghruf illi meta jkun hemm konversazzjonijiet telefonici jew minn fuq mobile phones huwa ferm insolitu li ssir referenza ghal droga, u deals jigu tranzatti bl-uzu ta' referenza ghal oggetti ohra."* Huwa rilevanti ukoll li fil-kaz odjern, mir-rapport tal-espert Martin Bajada,[13] l-arkivju tal-mobile tal-imputat tal-messaggi li baghat huwa stess kien vojt. Dan ifisser li ghal xi raguni l-imputat hass in-necessita li jhassar il-messaggi li kien baghat huwa stess. Dan huwa agir ferm stramb, ghaliex mhux normali li wiehed ihassar il-messaggi ricenti li jkun baghat u l-imputat ma jaghti l-ebda spjegazzjoni ghalfejn ghamel dan.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti issib li l-Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat huwa hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

[11] Ara xhieda tal-imputat a fol. 73 tal-process.
[12] *Per* Imhallef David Scicluna.
[13] Ara Dok MB ezebit a fol. 52 tal-process.

Il-fedina penali tal-imputat mhix wahda felici. Huwa ghandu hames kundanni minn dawn il-Qrati, ghal serq aggravat, ksur tal-ligijiet tas-sewqan, pussess ta’ sikkina, pussess semplici tad-droga herojina, u traffikar tad-droga kokajina u d-droga herojina.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih, u tikkundannah ghal piena ta’ sentejn u nofs prigunerija effettiva u multa ta’ elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ sittin Euro (€60.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ hames mija u sitta u tmenin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€586.48), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-flus ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------